PIZZI KANNA

il-mument 4

DIVERTIMENT GĦALL-FAMILJA

IL-ĦADD 12 TA' SETTEMBRU, 1999

## Malta ta' dari

Servizz ta' Mario Fenech

# Il-belt Valletta






Il-lum għażilt tliet ritratti li fihom naraw tliet xeni differenti tal-belt kapitali tagħna. Xeni li llum, għalkemm ħafna mill-bini li naraw fir-ritratti għadu l-istess, dan qiegħed jintuża għal skop differenti u naraw xi tibdil ieħor fit-toroq ta' madwar.

Il-bini tal-Berġa ta' Kastilja, minn dejjem kellu l-importanti tiegħu f'dak li hu użu tiegħu. Fir-ritratt tal-lum naraw dan il-bini meta kien jintuża mis-Servizzi *Ingliżi*, *b'għadd* ta' arbli fuq il-bejt li kienu jintużaw bħala mezz ta' komunikazzjoni min-Navy. Quddiem il-Berġa fejn illum hemm il-pjazza bil-ġnien u l-monumenti ta' Dr. Ġorġ Borg Olivier u Manwel Dimech, naraw għadd ta' fosos li fihom kien jinħażen il-qamħ.

Minn Kastilja mmorru Pjazza Reġina fejn fir-ritratt naraw il-bini tal-*Bibljoteka Nazzjonali* u l-istatwa tar-Reġina Vittorja. F'nofs il-pjazza mal-ġenb, jidher il-palk u l-bottegin li kien ikun fl-aħjar tiegħu filgħaxija, meta kienet tinġabar il-folla biex tisma' l-mużika u tixrob xi ħaġa għall-frisk meta l-ħajja fil-belt kapitali kienet tibqa' għaddejja anki fis-sigħat ta' filgħaxija.

It-tielet xena teħodna fi Triq San Ġwann fejn naraw jiddomina t-triq, il-bini tal-Kon Katidral ta' San Ġwann. Il-bini kollu li hemm fuq in-naħa tax-xellug tar-ritratt nistgħu ngħidu li ħafna minnu hu l-istess kif narawh illum.

Fuq in-naħa l-oħra tat-triq il-bini li naraw fir-ritratt kien intlaqat mill-bombi tal-għadu, waqt it-Tieni Gwerra Dinjija u mbagħad minfloku nfetħet il-pjazza ta' quddiem San Ġwann u nbena l-bini bl-appartamenti fuq kull naħa tal-pjazza bil-loġoġ u l-ħwienet taħthom. Ninnutaw f'dan ir-ritratt, l-uniformità li kien hemm fil-bini qabel ma dan twaqqa'.




MALTA - STRADA SAN GIOVANNI, ST - JOHN'S CATHEDRAL VALLETTA.